# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 13**

**Cit. Nru. 1171/2001 GCD**

**Salvatore D'Emanuele ezercjenti fil-kummerc bhala S & A D'Emanuele**

**Vs**

**Priceclub Operators Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attur li bih, wara li ippremetta:

Illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici ta' l-attur fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u tmenin liri Maltin, tnejn u sittin centezmu (Lm22,980.62) rapprezentanti l-import ta' merkanzija mibjugha u kkkonsenjata mill-attur lis-socjeta` konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha u a beneficcju taghha;

Illi meta interpellata, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u, minkejja li qieghdin jordnaw xi merkanzija ohra, dina qieghda ssir strettament fuq "cash basis" u l-import meritu ta' dina l-kawza ma huwiex qieghed jithallas minkejja li ma huwiex kontestat;

Illi kif jirrizulta mill-Affidavit anness mac-citazzjoni bhala Dokument "A", jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut u l-atturipprezenta l-affidavit (Dok. "A") illi bih ikkonferma illi s-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba ta' l-attur ghall-hlas tas-somma dovuta;

Talab illi dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12):

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u tmenin liri Maltin, tnejn u sittin centezmu (Lm22,980.62) rapprezentanti l-import ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-attur lis-socjeta` konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha u a beneficcju taghha.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar hlas sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat ukoll in-nota tal-partijiet flimkien li biha l-attur naqqas it-talba ghal Lm22,168.98 u l-konvenuta ammettiet it-talba kif imnaqqsa.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif imnaqqsa, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm